**PARROCCA SANTA MARGERITA—SANNAT**
**Tel./Fax : 2155 1435. Email: sannatparish@keyworld.net**
**Website : www.sannatparish.com**

**IL-ĦADD, 9.10.11: IT-TMIENJA U GĦOXRIN ĦADD MATUL IS-SENA.**
Il-Ġabra li ssir illum fil-knisja tkun għar-restawri
**IT-TNEJN, 10.10.11: Tifkira tal-Vittmi tal-Gwerra**.
Illum niftakru fil-vittmi tal-gwerra mir-raħal tagħna meta waqgħu l-balal fuq id-dar tagħna.
**Fit-8.30a.m.** Nerġgħu nibdew il-laqgħat tal-Azzjoni Kattolika tan-Nisa.
Dawn il-laqgħat isiru fid-Dar Parrokkjali u jkunu kull nhar ta' Tnejn. Nistiednu lin-nisa li jistgħu jattendu biex ma jitilfux din l-okkażjoni ta' tagħlim.
**Fis-7.30a.m.** Jingħad ir-Rużarju fiż-żona ta' Dun Luqa, li jkun bejn Triq Dun Luqa u Triq it-Tempju tal-Imramma.
**IT-TLIETA, 11.10.11: LECTIO DIVINA**
**Fis-7.30p.m**. Jiltaqa' il-Grupp tal-Kelma ta' Alla (Lectio Divina). Din tkun fis-sala tad-Dar Parrokkjali.
Kulħadd huwa mistieden.
**QUDDIESA GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ GĦAWDXIN F'MALTA**
il-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ tistieden liż-żgħażagħ Għawdxin li qegħdin Malta fuq studju jew xogħol biex jiltaqgħu flimkien fil-kappella tal-Università ta' Malta u jieħdu sehem f'quddiesa li se tkun organizzata għalihom. Il-quddiesa tibda fis-7.15pm. Fi tmiem il-quddiesa jkun hemm ħin biex iż-żgħażagħ Għawdxin jgħaddu ftit ħin jitkellmu flimkien.
**Il-ĦAMIS, 13.10.11:** Tifkira tal-Madonna ġewwa Fatima.
**Fis-7.00p.m.** Quddiesa bl-omelija dwar id-dehriet tal-Madonna ġewwa Fatima li tkun intenzjoni ta' Salvu Mercieca.

**Fis-7.30p.m.** Quddiesa fil-kappella tal-Museum bħala bidu tas-Sena tad-Duttrina
**IL-ĦADD, 16.10.11: ID-DISA' U GĦOXRIN ĦADD MATUL IS-SENA.**
**KORS TA' TĦEJJIJA GĦAŻ-ŻWIEĠ**
**Fil-11.15a.m.** Se ssir it-tieni laqgħa tal-Kors ta' Tħejjija għaż-Żwieġ għall-għarajjes.
Din tkun fid-Dar Parrokkjali.

## IT-TALBA TAR-RUŻARJU

### Espressjoni ta' mħabba vera

Fil-mod kif ngħidu r-Rużarju, il-Papa Ġwanni Pawlu II iwissina biex aħna ma naqgħux f'sempliċi ritmu mekkaniżżat, bla ħajja. Il-qofol tar-Rużarju huwa r-ripetizzjoni tas-Sliema u Qaddisa għal għaxar darbiet f'kull posta. Għalkemm din tista' tidher ħaġa monotona, meta ir-rużarju jingħad bħala espressjoni ta' mħabba vera lejn Sidna Ġesù Kristu u lejn Ommu Marija, isir talba ħajja. Ir-ripetizzjoni hija għajnuna kbira fit-talb, u hija użata wkoll f'reliġjonijiet oħra.

### Nitolbuh b'pass meqjus

Għalhekk, meta nitolbu r-rużarju, m'għandniex ngħaġġlu, imma nitolbuh b'pass meqjus, kelma kelma. Fuq kull misteru, jtajjeb li jsir mumenti ta' skiet, biex nidħlu aktar 'l ġewwa fil-misteru li nkunu qegħdin nikkontemplaw.

### Il-kuruna tar-Rużarju

Il-Papa jirrifletti wkoll fuq il-kuruna tar-Rużarju. Fiż-żibeġ imdawrin mas-salib, jara kif Kristu huwa ċ-ċentru tal-ħajja tagħna: kollox ġej minnu, kollox irid imur lura lejh. Fir-rabta taż-żibeġ flimkien, jara r-rabta tar-relazzjonijiet ta' mħabba bejnietna, li twassal għall-għaqda ma' Sidna Ġesù Kristu.

### Nitolbu din it-talba fil-familji

Ir-Rużarju huwa teżor li jrid jiġi skopert mill-ġdid. Ejjew nimpenjaw ruħna li nitolbu din it-talba kuljum, l-aktar fil-familji tagħna.